MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Mandat Numru. 1664/2013/1

Helen **Camilleri**

vs

**Kuraturi Deputati** u b'degriet tas-7 ta' Novembru, 2013, l-avukat Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud inhatru Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw il-wirt battal tal-mejjet Dun Alwig Camilleri

Meta ssejjah ir-Rikors dehret ir-rikorrenti mghejjuna mill-avukat Anna Mallia. Dehru l-ahwa Galea mghejjuna mill-avukat Peter Borg Costanzi, l-avukat Daniel Buttigieg ghall-persuni l-ohrajn notifikati bl-atti tar-Rikors u l-intimat Silvio Camilleri mghejjun mill-avukat Massimo Vella.

Ghal kull buon fini l-avukat Vella jilqa' n-notifika tal-atti f'isem Joseph Camilleri ta' "Belleview" Triq Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar.

L-avukat Anna Mallia ghar-rikorrenti ressqet Nota b'dokument mehmuz maghha.

Fid-dawl tad-dokumenti mehmuza man-Nota appena mressqa, l-avukat Massimo Vella ghal Silvio u Joseph Camilleri (420516M), jiddikjara li l-patrocinati tieghu ma jivvantaw l-ebda pretensjoni fuq l-oggetti mertu tal-Mandat, u qatt ma vvantaw tali pretensjoni. Ghalhekk jirrimettu ruhhom ghal dak li tista' tiddegreta din l-Onor. Qorti jissottomettu biss li huma m'ghandhomx jehlu spejjez ta' dan il-Mandat.

Il-partijiet jaqblu illi, bla pregudizzju ghad-drittijiet reciproci tal-partijiet, qed jigi miftihem illi l-kollezzjoni tal-bolol ta' Malta titqieghed f'safe deposit box f'bank lokali sakemm il-vertenza bejn il-partijiet tigi deciza, liema bolol jinsabu fil-fond 81 St Lucy Street, Naxxar.  Ghar-rigward il-mobbli l-ohra imsemmija fid-dok A mal-Mandat u li jinsabu 81 St Lucy Street, Naxxar, il-partijiet jaqblu li dawn ghandhom jigu rilaxxjati lir-rikorrenti b'dan illi, fl-eventwalita' li fil-proceduri gudizzjarji jirrizulta li tali mobbli ma jappartjenux lir-rikorrenti, hija ghandha tirrifondi lill-intimati is-somma ta' Eur800.  Il-partijiet jablu ukoll illi il-kollezzjoni tal-bolol tal-Kavallieri ta' Malta u tal-Vatikan jigu rilaxxjati lill-eredi intimati.

Fic-cirkostanzi il-Qorti thassar contrario imperio d-degriet taghha tal-31 ta' Ottubru, 2013, fejn dan laqa' t-talba ghall-hrug tal-Mandat b'mod provvizorju;

Peress illi ma jirrizultax lill-Qorti illi r-rikorrenti ghandha gustifikazzjoni biex titlob li twaqqaf lill-intimati milli jaghmlu dak li ghandhom dritt jaghmlu;

Il-Qorti, tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat b'riserva ta' kull dritt iehor spettanti lilha skond il-ligi biex tikkawtela d-drittijiet taghha.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------